għaliex il-liġi ma tagħmel ebda distinzjoni, — huwa jonqos mid-dover tiegħu u isir passibbli tal-penali fuq riferita. Iekk f'dawn il-każijiet jonqos, għal kull raġuni, jipprezenta dik in-nota;

Għall-motivi premessi;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza, u kwindi tikkundanna lill-konvenut, meħudin in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-każ, għall-penali ta' 10s.; u, kunsidrata l-kwistjoni ta' liġi nvoluta, tordna illi kull parti tbati l-ispejjeż tagħha; però d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-konvenut.

---

26 ta' April, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Gerald Vella ne. *versus* Rosaria Degiorgio et.

## Terminu — Dekadenza

*Meta d-dekadenza minn terminu hija miftiehma favur il-kreditur, dan jista' jipprevalixxi ruħu minn dak il-ftehim u jitlob ir-riżoluzzjoni tal-istess ftehim; imma jista' wkoll jagħżel li ma jinqdiex b'dak il-ftehim, u minflok iġiegħel lid-debitur jeżegwixxi l-obligazzjoni minnu assunta b'dak il-ftehim.*

*Każ fejn l-attur kien ċeda lill-konvenut l-avvjament ta' ħanut bi prezz determinat li l-konvenut kellu jħallas b'rati mensili, bid-dekadenza mit-terminu fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' żewġ rati, u bl-obbligu wkoll li jħallas il-kera tal-ħanut li għalih kien jirriferixxi dak l-avvjament. L-attur aġixxa kontra l-konvenut għall-ħlas ta' żewġ rati li l-konvenut naqas li jħallas; il-konvenut ippretenda li n-nuqqas tiegħu kien jintitola biss lill-attur li jitlob ix-xoljiment tal-kuntrattazzjoni. Imma l-Qorti qatgħet illi l-attur kellu dritt jagħżel li jitlob, mhux ir-riżoluzzjoni tal-ftehim, imma l-kundanna tal-konvenut għall-adempiment tal-obligazzjoni; u għalhekk laqgħet it-talba tal-attur.*

---

Deżerta l-Appell 30. 6. 1955.

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi bi skrittura in data 21 ta' April, 1954, il-konvenuti otterew mingħandu, bil-prezz ta' £700, l-avvjament tal-ħanut 101 u 102, High Street, San Pawl il-Baħar, bil-ftehim li dak il-prezz kellu jitħallas b'rati ta' £19 fix-xahar, waqt li l-konvenuti obligaw ruħhom ukoll li jħallsu l-kera ta' £34 fis-sena; u li l-konvenuti għandhom iħallsu żewġ rati, ammontanti għas-somma ta' £38; u li l-konvenuti ċedew il-permessi tal-Pulizija u ppruvaw jinħallu mill-ftehim u jabbandunaw il-ħanut u jsiefru, u għalhekk hu ġie kostrett jottjeni mandat ta' impediment ta' safar kontra tagħhom; talab illi l-istess konvenuti jiġu kundannati jħallsu lilu s-somma fuq riferita ta' £38 għall-imsemmijin żewġ rati skaduti u dovuti mill-prezz stipulat għaċ-ċessjoni ta' l-avvjament; u li jiġi dikjarat illi, billi huwa mhux qiegħed jipprevalixxi ruħu mid-dekadenza stipulata, l-imsemmija skrittura għadha torbot lill-partijiet, u għalhekk huwa għadu kreditur għall-bilanċ fis-somma ta' £510, u għalhekk il-mandat ta' l-impediment tas-safar fuq indikat għandu jibqa' jseħħ. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-istess mandat;

Rat id-dokument mgħjub ma' l-att taċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li ssottomettew illi ma għandhomx jagħtu xejn lill-attur, billi wiehed mill-pattijiet ta' l-iskrittura fuq riferita huwa fis-sens illi: jekk il-konvenuti jiequ mill-pagamenti għal xahrejn, jiddekadu minn kull dritt għall-lokazzjoni tal-post indikat fl-istess skrittura, kif ukoll għal kwalunkwe rimborż ta' kwalunkwe akkont li jkun tħallas;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi bi skrittura privata in data 21 ta' April, 1954, l-attur nomine ċeda l-inkwilinat u l-avvjament tal-ħanut fuq imsemmi lill-konvenuti, bil-prezz ta' £700, li kellhom jitħallsu b'rati ta' £19 fix-xahar, bil-patt illi l-istess konvenuti jħallsu l-kera ta' £34 fis-sena dovut lis-sid; u ġiet stipulata

wkoll il-kondizzjoni, fost oħrajn, illi l-konvenuti, "f'każ illi jieqfu mill-pagamenti għal xahrejn, jiddekadu minn kull dritt għall-lokazzjoni u għal kwalunkwe rimborż ta' l-akkonti ġa mħallsa";

Illi d-dekadenza, ossija l-ħall, tal-lokazzjoni bl-avvjament tal-ħanut fuq imsemmi ġiet mifthema favur l-attur, li seta' kwindi jipprevalixxi ruħu minn dak il-ftehim u jitlob ir-riżoluzzjoni tal-lokazzjoni; u f'dak il-każ, peress li r-riżoluzzjoni ġiet espressament konvenuta, il-Qorti ma kienetx tista' tagħti żmien lill-konvenuti għall-purgazzjoni tal-mora — apparti l-kwistjoni jekk, trattandosi ta' obligazzjoni kummerċjali, il-Qorti tistax tikkonċedi dak iż-żmien meta l-kondizzjoni riżoluttiva ma tkunx ġiet magħmula espressament, f'liema kwistjoni l-Qorti ma daħletx, għax ma hemmx bżonn tidħol fiha f'dan il-każ;

Illi l-attur għażel, inveċe, kif kellu d-dritt jagħmel, li ma jinqediex b'dak il-ftehim u jġiegħel lill-konvenuti jeżegwixxu l-obligazzjoni tagħhom, billi talab minn għandhom il-ħlas taż-żewġ rati skaduti, li huma jammettu li naqsu jħallsu (fol. 11, verbal 22.4.55);

Illi għalhekk għandha tiġi respinta l-eċċezzjoni tal-konvenuti u akkolta l-ewwel talba ta' l-attur; u anki t-tieni talba, barra minn dak li jirrigwarda l-impediment tal-partenza, data l-azzjoni esperita mill-attur; u inoltre, dina t-tieni domanda, hekk limitata, hija inutili, għaliex, akkolta l-ewwel talba, dana neċessarjament ifisser illi l-iskrittura għadha torbot;

Għaldaqshekk;

Respinta l-eċċezzjoni, tilqa' l-ewwel talba u t-tieni waħda fis-sens limitat kif intqal fuq; u tordna illi l-ispejjeż ta' l-ewwel talba jitħallsu mingħand il-konvenuti, imma dawk relattivi għat-tieni waħda mingħand l-attur.